# AVVIŻ MID-DIRETTORAT GĦAS-SAĦĦA AMBJENTALI

Reference Number: PR172668, Press Release Issue Date: Nov 24, 2017

Skont l-Att dwar is-Sigurtà fl-Ikel u r-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 178 tal-2002, id-Direttorat għas-Saħħa Ambjentali fi ħdan is-Sovrintendenza tas-Saħħa Pubblika jixtieq jinforma lill-pubbliku li wara informazzjoni li rċieva dan id-direttorat permezz tas-Sistema ta' Twissija Rapida għall-Ikel u l-Għalf (Rapid Alert System for Food and Feed), il-prodott imsemmi m'għandux jiġi kkunsmat minħabba l-possibilità ta' preżenza ta' pestiċidi (amitraz u propargite) mhux konformi mar-regolamenti.

| | |
|---|---|
| Isem tal-Prodott: | Goji Berries (Dried Boxthorn Fruit) |
| Deskrizzjoni tal-maħfen: | Kaxxa tal-plastik |
| Ditta: | Golden Lily |
| Oriġini: | Ċina |
| Lot Number: | LRN02ZS |
| Durabbiltà : | 30 Diċembru 2017 |

Il-kumpanija involuta ddikjarat li parti mill-konsenja laħqet inbiegħet għaldaqstant id-Direttorat hu obbligat li jiġbed l-attenzjoni tal-pubbliku.

Għal aktar informazzjoni l-pubbliku jista' jċempel lis-Servizzi tal-Ispettorat tas-Saħħa fuq in-numru tat-telefon 2133 7333 mit-8:00 ta' filgħodu sas-2:30 ta' waranofsinhar jew jibgħat email fuq mhi@gov.mt. Il-pubbliku jista' wkoll jirrikorri personalment fl-uffiċċju tal-istess direttorat li jinsab Continental Business Centre, Old Railway Track, Santa Venera. Il-pubbliku hu ġentilment mitlub iżur il-paġna tad-Direttorat fuq Facebook https://www.facebook.com/pages/Environmental-Health-Directorate-Malta/145027878928626?ref=hl jew is-sit uffiċjali fuq https://deputyprimeminister.gov.mt/en/environmental/Pages/Home-Page.aspx għal informazzjoni simili.